Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 309/2018

Il-Pulizija
Spettur Rennie Stivala

Vs

Generoso sive Jimmy Sammut

Illum 9 ta' Jannar, 2020,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Generoso sive Jimmy Sammut detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 203454M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-Gzejjer, fil-bini tal-Qorti fil-Belt Valletta fid-9 ta' Ottubru 2013:

1. Halef falz f'materja civili u precizament fil-proceduri pendenti quddiem l-Onor. Imhallef Dr. Anthony Ellul LL.D. fl-ismijiet ***Michael Fenech nomine versus Lawrence Ciantar et nomine***;

2. Kiser il-provedimenti ta' sentenza ta' liberta' taht kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D., fit-23 ta' Mejju 2013, meta wettaq reat fi zmien il-perjodu ta' sentejn mis-sentenza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

3. Irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat Artikoli 49, 50, u 106(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Generoso sive Jimmy Sammut hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perjodu ta' sittax (16) il-xahar prigunerija.

In oltre, il-Qorti ordnat l-interdizzjoni generali tal-imputat Generoso sive Jimmy Sammut kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u milli jservi bhala perit ghall-perjodu ta' ghaxar (10) snin.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Generoso sive Jimmy Sammut,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Lulju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha (1) tilqa' dan l-appell, (2) tiddikjara null *'ab initio'* dawn il-proceduri kriminali u (3) tannulla s-sentenza appellata; (4) subordinatament u bla pregudizzju joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, (5) tiddikjara lill-esponent mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u (6) tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Generoso sive Jimmy Sammut huma s-segwenti u cioe`:-

<u>L-ewwel aggravju</u>

1) Illi **l-ewwel aggravju** tal-esponent huwa illi dawn il-proceduri kriminali huma **nulli 'ab initio'** stante li l-Qorti Civili kellha tordna li jigu istitwiti proceduri

ghal disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti minhabba kaz **'prima facie' ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti**, u mhux tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu passi kriminali kontra l-esponent minhabba xhieda falza.

1.1) Illi meta ssejjah biex jixhed quddiem l-Onorevoli Imhallef Anthony Ellul, kif gie kkonfermat mix-xhieda kollha li kienu prezenti, l-esponent lahaq qal biss li ma jafx lill-ahwa Fenech u rrepetiha bosta drabi li ma jafhomx. Il-linja adottata mill-Qorti Civili ma kinitx dik korretta. Dan ma kienx kaz li kien jirrikjedi investigazzjoni mill-Pulizija bil-ghan li l-esponent jigi mixli li ta xhieda falza, izda l-Qorti Civili kellha ssib li hemm kaz 'prima facie' ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti talli kien qed jirrifjuta li jixhed u tordna li jigu mehuda kontra tieghu proceduri ghal disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, fejn kien ikollu process quddiem Qorti Civili diversament presjeduta. Ghalhekk, mhux biss il-mizura adottata mill-Qorti Civili kienet zbaljata, izda wkoll il-proceduri kriminali mehudin kontra tieghu ma setghux jintemmu b'dan l-ezitu, cioe` illi huwa jinstab hati li ta xhieda falza fi proceduri civili – stante li l-esponent kien qed jirrifjuta li jixhed, u mhux xehed il-falz. Dan ghaliex it-twegiba tieghu "ma nafhomx" kienet wahda trasparenti u kienet tirrapprezenta l-*punto* jew *full stop* fejn tintemm ix-xhieda tieghu. "Ma nafhomx" ma setghetx tittiehed bhala testimonjanza falza u qarrieqa ghax kien ovvju li biha Generoso Sammut kien semplicement qed juri lill-Qorti li ma kienx f'pozizzjoni li jixhed aktar.

1.2) Illi s-segwenti silta mis-sentenza appellata turi kemm hu minnu li Generoso Sammut wasal sa "ma nafhomx" u waqaf hemm:

> "Illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015, xehed Michael Angelo Fenech (a fol. 50 et seq.) fejn spjega li hemm kawzi qed jinstemghu kontra l-Enemalta u kontra l-"Mediterranean Offshore Bunkering Company Limited" u jirrigwardaw zejt. Jghid li huh Alfred Fenech kien qed jigi nfurmat minn numru ta' nies li r-raguni ghala l-licenzji kienu mwaqqfin kienet ghax Ninu Zammit kien qed jghid li Mintoff kien shab mieghu (ma' Michael Angelo Fenech) fin-negozju. Jghid li f'wahda minn dawn il-kawzi (u jghid li hemm xi ghaxra) l-imputat qal li ma lilhom ma jafhomx. Jghid: "**Beda jghid lill-Imhallef li lilna ma jafniex: la lili, la lil hija u l-inqas lit-tifel ta' hija**" (a fol. 51). Jispecifika li l-

Imhallef kien Anthony Ellul. Jghid li rrifjuta li jaghmel il-voice recognition ta' xi tapes li huh (hu Michael Angelo Fenech) kien irrekordja. Jghid li nforma lill-avukat tieghu Dr. Rachel Montebello li l-imputat kien ghamel affidavit f'kawza ohra fejn l-imputat kien qal li jafhom. Jispjega li dan gie mghoddi lill-Imhallef Ellul li aktar tard ta digriet u dana apparti li Dr. Montebello kitbet lill-Kummissarju tal-Pulizija."

1.3) Ghalhekk, m'hemmx dubju illi l-esponent waqaf milli jixhed mal-ewwel domanda, jekk kienx jafhom. Ghalkemm il-kawza civili tirrigwarda valur konsiderevoli ta' miljuni ta' flus, l-imputat ma qalx hlief li ma jafhomx, u dan kif jirrizulta mis-sentenza stess:

> Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, ma ghandux ikun hemm dubju li effettivament l-imputat ma qalx il-verita' quddiem il-Prim'Awla Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Anthony Ellul fid-9 ta' Ottubru 2013 meta huwa cahad li kien jaf lis-sinjuri Fenech. Jirrizulta li l-proceduri quddiem l-Imhallef Anthony Ellul jirrigwardaw valur konsiderevoli ta' miljuni ta' flus.

1.4) F'dawk ic-cirkostanzi, dak li kellha taghmel il-Qorti Civili huwa li tordna li jigu istitwiti proceduri kontra Generoso Sammut minhabba kaz 'prima facie' ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti. Zgur li kien ovvju ghal kulhadd li Generoso Sammut kien qed jirrifjuta li jixhed. Jekk meta wiegeb "ma nafhomx" ma kienx qal il-verità, il-kontenut tat-twegiba kienet haga minima u inkonsegwenzjali u '*de minimis non curat praetor*'. Il-mertu tal-kawza civili ma kienx dwar jekk jafhomx jew ma jafhomx izda fuq miljuni ta' ewro, fejn fost il-protagonisti li ssemmew kienu l-Perit Ninu Zammit, ex Membru tal-Parlament, u l-Perit Duminku Mintoff, ex Prim Ministru ta' Malta. Ghalhekk, dawn il-proceduri ghandhom jigu dikjarati nulli *ab initio* u s-sentenza tigi wkoll annullata.

<u>It-tieni aggravju</u>

2) **It-tieni aggravju** – subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju – huwa illi, bl-ikbar rispett, l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-fatti u cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-**element soggettiv** li hu tant

importanti f'kazijiet ta' allegat spergur u konsegwentement ma applikatx sewwa d-dispozizzjonijiet tal-ligi in materja.

2.1) Illi l-esponent ma qaghadx lura milli jressaq provi abbundanti dwar il-fatti u cirkostanzi **antecedenti ghal dawn l-imputazzjonijiet**.

2.2) Ghall-kuntrarju, l-ewwel Qorti kienet xotta fir-rigward tal-ezami dwar l-element intenzjonali u dina l-kawza (bil-fattispecje partikolari taghha) kienet tirrikjedi **ezami approfondit dwar l-impatt f'mohh l-imputat ta' dawk il-grajjiet li sehhew bejn iz-zewg ahwa Fenech**.

2.3) Ghalkemm jirrizulta illi l-ahwa Fenech ipprezentaw kwerela datata 1 ta' Ottubru 2014 fejn talbu biex issir investigazzjoni min-naha tal-Pulizija, u ghalkemm dawn qalu lill-Ispettur Stivala illi l-esponent u huma kienu ilhom jafu lil xulxin u kienu ghamlu negozju flimkien, l-ebda persuna f'sensiha waqt li tkun qed tixhed taht il-gurament, jekk ma jkollhiex ragunijiet tajba biex taghmel hekk, mhi sejra tghid illi lilhom ma tafhomx. Sinjal illi kien hemm ragunijiet tajba biex persuna tichad fix-xhieda; u ragunijiet tajba fil-fatt kien hemm.

2.4) Ghalkemm l-ahwa Fenech illum jidhru skjerati flimkien f'dawn il-proceduri partikolari, bejniethom sehhew grajjiet u incidenti serji hafna. Dawn il-grajjiet koroh u incidenti serji ma rreferewx ghalihom fix-xhieda taghhom taht il-gurament, izda l-imputat gab 'il quddiem provi abbundanti dwar x'ghadda bejniethom matul is-snin li ghaddew, fosthom l-attentat ta' qtil ta' wiehed minnhom, bil-vittma tal-isparaturi tipponta subajha lejn huha bhala dak li baghat lil Leli Zammit bl-inkarigu li joqtlu. Daqstant kienet gravi l-qaghda bejn l-ahwa Fenech.

2.5) Illi l-esponent ipprezenta bhala prova s-sentenza tal-Qorti Kriminali fit-tmiem tal-Guri li fih Leli Zammit kien gie akkuzat u nstab hati talli pprova joqtol lil Michael Angelo Fenech – li hu wiehed mill-kwerelanti fil-kawza tal-lum.

2.6) Illi l-esponenti ipprezenta wkoll bhala prova estratt minn The Times of Malta li jirrigwarda dak li sehh fil-Guri, liema rapport wahdu juri x'ghadda bejn l-ahwa Fenech, avolja dawn ma rreferewx ghalih fix-xhieda taghhom fil-kawza odjerna: "Two brothers in courtroom confrontation" –

> "During the confrontation, Michael Angelo Fenech said that once, years ago, he had seen Zammit in Kalkara and when he asked his brother if he was Leli Xkubetti (Zammit) his brother confirmed it. But Alfred Fenech said it was a lie and his brother should be ashamed of himself because he had never seen Zammit. Michael Angelo Fenech: "He should be ashamed of himself for not even bothering to check if I, his brother, needed anything **when I was shot on two occasions**."

2.7) Illi jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti Kriminali esebita mill-imputat u mir-rapport fil-gurnal The Times of Malta illi l-attentat ta' qtil sar b'arma tan-nar konsistenti f'*submachine gun*. Normalment, persuna titwerwer mad-dehra ta' *submachine gun*, ahseb u ara kemm titwerwer iktar meta tkun taf li xi hadd kien effettivament seraq dak is-*submachine gun* mill-istrong room tal-Qorti u mar jispara b'dik l-arma tan-nar letali fuq persuna bl-intenzjoni li joqtolha, billi kien gie kkommissjonat minn haddiehor. Xi hadd irid jidhol fi kwistjonijiet li jikkoncernaw lil dawn l-ahwa Fenech? Wiehed jghid li huh zammu *"at gunpoint"*; waqt li huh jghid li le, waddablu arma tan-nar ghal rasu! Wiehed jghid li huh ikkommissjona lil Leli Zammit biex itemmlu hajtu, waqt li huh jichad. Il-kaz odjern huwa *casus classicus* fejn tapplika d-difiza tal-koazzjoni jew forza irrezistibbli. Is-serq tal-arma mill-istrong room tal-Qorti jkompli juri d-determinazzjoni ta' persuna li tasal biex twettaq dak ir-reat. Tista' ma tiehux dawn l-affarijiet bl-akbar serjetà?

2.8) Illi skont l-Ewwel Qorti dawn il-fatti u cirkostanzi ma setghux jiggustifikaw lill-esponent li ma jghidx li kien jaf lill-ahwa Fenech. Dina l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti hija wahda zbaljata ghaliex persuna normali tibza' meta tissejjah biex tixhed ghax tkun rat xi incident vjolenti, ahseb u ara mela kemm

wiehed jitkexkex meta jsib ruhu jigi mkaxkar bil-grajjiet vjolenti ta' bejn l-ahwa Fenech.

2.9) Illi l-imputat ha inizjattiva li jaghmel appuntament mal-Agent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit u, fil-prezenza tal-avukat Tonio Azzopardi, semmielu l-kaz ta' Barbarossa, jigifieri, li wiehed mill-ahwa Fenech kien offrielu somma flus biex joqtol lil huh, izda hu kien irrifjuta u keccieh. Il-biza' hija mnissla mill-fatt li xi zmien wara huwa sar jaf li kien hemm attentat ta' qtil fuq il-persuna li kien gie mitlub biex joqtol, jigifieri, l-istess wiehed kien ikkommissjona lil haddiehor minfloku. Sija l-fatt li l-imputat kellem lill-Agent Kummissarju fuq dan il-kaz (fost ohrajn li ssemmew dakinhar) u sija l-fatt li min kien avvicinah kien ikkommissjona lil haddiehor minfloku wara li hu rrifjuta, huma zewg provi importanti li l-Ewwel Qorti ma tathomx il-piz misthoqq.

2.10) Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-ezistenza ta' dana r-reat ta' *judicial perjury* cioe`:

(i) a testimony given in a cause,

(ii) an oath lawfully administered by the competent authority,

(iii) falsity of such testimony in a material particular,

(iv) wilfulness of such falsity or criminal intent."

2.11) Fil-kaz odjern, dejjem minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, kif intwera hawn fuq, ir-raba' element huwa nieqes ghax la kien hemm 'wilfulness' u wisq inqas 'criminal intent'. Kien hemm biza' mill-konsegwenzi jekk jigi involut kontra l-volontà tieghu fl-intriccji ta' bejn l-ahwa Fenech li, bil-provi u mhux bil-kliem, huma persuni li bejniethom waslu f'affarijiet koroh. Ghalhekk l-esponent kien gustifikat li jzomm 'il boghod milli jidhol bejniethom.

<u>It-tielet aggravju</u>

3) **It-tielet aggravju** (subordinatament u bla pregudizzju) huwa illi l-Ewwel Qorti ma afferratx sewwa l-kuncett ta' "forza irrezistibbli". Il-Qorti ma nkwadratx

b'mod korrett il-figura ta' "forza irrezistibbli". Ic-cirkostanzi kienu serji u gravi u fuq kollox kienu jiggustifikaw il-biza' li persuna taghti x-xhieda taghha meta l-protagonisti spiccaw involuti f'Guri fejn wiehed minnhom kien vittma ta' attentat ta' qtil. Issir referenza ghal dak li ntqal fir-rigward ta' "forza irrezistibbli" fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-imputat quddiem l-Ewwel Qorti a skans ta' ripetizzjoni. Kien hemm biza' u kien hemm cirkostanzi li jnisslu l-biza' in vista tal-attentat ta' qtil li tabilhaqq twettaq u mhux kliem fierah. Ghalhekk, l-element soggettiv ma nghatax importanza meta kellu jkun determinanti.

Ir-raba' aggravju

4) **Ir-raba' aggravju** (subordinatament u bla pregudizzju) huwa illi fil-kaz ta' sentenza wahda biss id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega tal-konferma u prova tar-recidiva. Ghar-rigward tas-sentenzi l-ohra, ma saritx il-prova rikjesta. Ghalhekk, ma tirrizultax ir-recidiva hlief fir-rigward ta' sentenza wahda.

Ikkunsidrat,

Illi il-fatt in breve kienu s-segwenti:

1. Illi fid-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013)[1] l-appellant kien xehed quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet 'Michael Fenech nomine vs Lawrence Ciantar et nomine'[2]. Illi f'din ix-xhieda l-appellant kien xehed li ma jafx lil Michael Fenech u Alfred Fenech;

2. Illi sussegwentement fil-kawza fl-ismijiet 'Michael Fenech nomine vs Lawrence Ciantar et nomine' gie pprezentat affidavit tal-appellant Generoso Sammut li kien precedentement u cioe' fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004) ipprezentat f'kawza ohra u cioe' dik fl-ismijiet 'HSBC Bank Malta p.l.c. vs Tal-Barrani Company Limited et' fejn f'dan l-afidavit kien iddikjara li '*ili naf lil Kelly u Alfred Fenech 35 sena...*'[3];

---

[1] Skont ma jirrizulta a fol 68 tal-atti

[2] Rikors numru 519/1988/1

[3] A fol 26

3. Illi permezz ta' digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) fis-sentenza fl-ismijiet 'Michael Fenech nomine vs Lawrence Ciantar et nomine', il-Qorti ordnat '*lir-Registratur sabiex dan id-digriet u d-dokumenti fuq imsemmija jigu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Generoso Sammut (ID 203454) dwar tehid ta' gurament falz*.'

4. Skont ix-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala moghtija fil-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem l-Ewwel Qorti, kienet anke giet ipprezentata kwerela sabiex issir investigazzjoni minn naha tal-pulizija fuq l-istess mertu. Din il-kwerela baqghet ma gietx prezentata fl-atti;

5. Illi l-appellant ma jichadx li huwa ma qalx il-verita' meta xehed li ma jafx lil Michael Fenech u Alfred Fenech izda jghid li ghamel dan peress li kien qieghed jibza'.

6. L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellant qieghed jissottometti li l-proceduri kriminali huma nulli '*ab initio*' stante li skont l-appellant il-Qorti Civili kellha tordna li jigu istitwiti proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti minhabba kaz 'prima facie' ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u mhux tordna lil Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu passi kriminali kontra l-appellant minhabba xhieda falza.

Issottometta li meta ssejjah biex jixhed quddiem l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul l-appellant lehaq qal biss li ma jafx lill-ahwa Fenech u rrepetiha bosta drabi li ma jafhomx. Skont l-appellant, il-linja addottata mill-Qorti Civili ma kinitx dik korretta. Li ma kienx kaz li kien jirrikjedi investigazzjoni mill-Pulizija bil-ghan li l-appellant jigi mixli li ta' xhieda falza, izda li l-Qorti Civili kellha ssib li hemm kaz prima facie ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti talli kien qed jirrifjuta li jixhed u tordna li jigu mehuda kontra tieghu prceduri ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti fejn kien ikollu process quddiem Qorti Civili diversament preseduta. Jghid li huwa kien qieghed jirrifjuta li jixhed u mhux xehed il-falz. Jghid li 'ma nafhomx' ma setghetx tittiehed bhala testimonjanza falza u qarrieqa, ghax kien ovvju li biha Generoso

Sammut kien semplicement qed juri lil Qorti li ma kienx f'pozizzjoni li jixhed aktar. Jissottometti li ma hemmx dubju li l-appellant waqaf milli jixhed mal-ewwel domanda, jekk kienx jafhom, u li ghalkemm il-kawza civili tirrigwarda valur konsiderevoli ta' miljuni ta' flus, l-imputat ma qalx hlief li ma jafhomx. Jissottometti ukoll li jekk meta wiegeb 'ma nafhomx' ma kienx qal il-verita', il-kontenut tat-twegiba kienet haga minima u inkonsegwenzjali u '*de minimix non curat praetor*'. Il-mertu tal-kawza civili ma kienx dwar jekk jafhomx jew ma jafhomx izda fuq miljun ta' ewro, fejn fost il-protagonisti li ssemmew kienu l-Perit Ninu Zammit, ex Membru tal-Parlament, u l-Perit Duminku Mintoff, ex Prim Ministru ta' Malta. Ghalhekk talab li dawn il-proceduri jigu dikjarati nulli *ab initio* u s-sentenza tigi wkoll annullata.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti tiddikjara li dan l-ewwel aggravju huwa wiehed fieragh ghall-ahhar. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kellha kull dritt li tordna lir-Registratur jibghat l-atti lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jigi investigat l-appellant dwar gurament falz. Dwar jekk kienx hemm disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti hija kwistjoni ohra, fis-sens naturalment il-fatt li l-appellant xehed falz huwa ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, izda dan ma jillimitax lil Qorti milli tordna li persuna tigi investigata, wara kollox hawn hekk ma ahniex nitkellmu dwar persuna li tasal tard fl-awla jew persuna li ma tkunx liebsa addattat quddiem il-Qorti u li ghalhekk huma atti li huma fin-natura taghhom ta' disprezz lejn l-Awtorita' taghha. L-att ta' guramant falz huwa mhux biss ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti u lejn il-gustizzja izda huwa ukoll reat li jimmerita' li jigi investigat.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Spettur James Grech Vs Ruth-Mary Baldacchino'**[4] fejn gie kkunsidrat:

'*Illi fuq kollox il-qrati civili bis-setgha moghtija lilhom fl-artikolu 601 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jordnaw li jittiehdu dawk il-passi kollha necessarji skont il-ligi kontra kull min fid-diskrezzjoni taghhom jidhrilhom illi ikunu qed jixhed jew jiddikjara il-falz*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju, 2016 (Appell Numru: 410/2015)

*taht gurament.'*

L-artikolu 601 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

'*(1) Meta l-qorti jidhrilha li xhud sar ħati ta' xiehda falza, hija tordna li jiġi arrestat minnufih, u li, mingħajr dewmien, bil-mezz tar-reġistratur, tinbagħat kopja tal-atti lill-Qorti tal-Maġistrati, biex jitmexxa kif trid il-liġi.*

*(2) F'dak il-każ, il-qorti tista', fuq talba bil-fomm ta' waħda mill-partijiet, tissospendi l-kawża li fiha x-xhud ikun xehed, sakemm jispiċċaw il-proċeduri kriminali kontra x-xhud, kemm-il darba dan ikun jista' jsir mingħajr ħsara tal-parti l-oħra u x-xiehda attakkata bħala falza tkun tali li x'aktarx ikollha importanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawża.*'

B'zieda ma dan, din il-Qorti tikkunsidra ukoll li kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant, ma jirrizultax li l-appellant kien iddikjara quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li huwa ma jridx jixhed. Filfatt b'harsa lejn ix-xhieda in kwistjoni u cioe' dik tad-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) huwa kien xehed is-segwenti:

'*Jien maghruf ukoll bhala Jimmy Sammut. Lil Michael Fenech u Alfred Fenech ma nafhomx. Qatt ma kellimthom f'hajti lil dawn. Lil Ninu Zammit lanqas ma nafu u qatt ma kellimtu. Lil Perit Dom Mintoff qatt ma kellimtu. Nikkonferma li Dom Mintoff qatt ma tkellimt fuqu. Qed jigi suggeriti lili li Michael u Alfred Fenech iltqajt maghhom il-Belt ftit tax-xhur ilu. Jien nerga intenni li ma nafhomx lil dawn il-tnejn min-nies. Issa qed jigi indikat lili ragel u qed jghiduli li jismu Michael Fenech. Mistoqsi jekk nafux nghid li le, ma nafux. Qed nigi mistoqsi jekk jien inix cert li ma nafux, nghid iva zgur li cert. Ma nafux. Mistoqsoi jekk jistax ikun li insejt nghid li le, jien ma ninsiex. Qed nigi mistoqsi jekk hux minnu li jien iltqajt ma' xi hadd ta' Fenech xi xahar u nofs ilu il-Belt u ghidtilhom li jien mhux ser nixhed nghid nichad li jien ghidt hekk. Diga ghidt lil ta' Fenech jien ma nafhomx. Nikkonferma li din il-gimgha jien gejt il-Qorti u xehedt u semmewli tape. Staqsewni jekk jien ngharafx lehni u jien lehni ma gharaftux.*'[5]

[5] Xhieda tinsab a fol 68-69.

Ghalhekk imkien fix-xhieda li l-appellant ta' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma ddikjara li ma jridx jixhed, izda dak li ghamel kien li cahad li huwa jaf lil Fenech. Stante li in segwitu tal-affidavit li kien gie ipprezentat irrizulta li l-appellant kien filfatt jafhomhom lil Fenech, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili korrettament ordnat sabiex id-digriet fimkien max-xhieda u l-affidvit jigu notifikati lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Generoso Sammut dwar tehid ta' gurament falz.

Ghaldaqstant, dan l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju huwa li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-fatti u cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-element soggettiv li hu tant importanti f'kazijiet ta' allegat spergur u konsegwentement ma applikatx sewwa d-dispozizzjonijiet tal-ligi in materja. Jissottometti li l-Ewwel Qorti kienet xotta fir-rigward tal-ezami dwar l-element intenzjonali, u din l-kawza kienet tirrikjedi ezami approfondiet dwar l-impatt f'mohh l-imputat ta' dawk il-grajjiet li sehhew bejn iz-zewg ahwa Fenech. Jissottometti li l-ebda persuna f'sensiha waqt li tkun qed tixhed taht il-gurament, jekk ma jkolliex ragunijiet tajba biex taghmel hekk, m'hi sejra tghid illi lilhom ma tafhomx. Li sinjal li kien hemm ragunijiet tajba biex persuna tichad fix-xhieda, u li ragunijiet tajba fil-fatt kien hemm. Jissottometti li ghalkemm l-ahwa Fenech illum jidhru 'skjerati' flimkien f'dawn il-proceduri partikolari, bejniethom sehhew grajjiet u incidenti serji hafna, li dawn il-grajjiet koroh u incidenti sejri ma rreferewx ghalihom fix-xhieda taghhom izda l-imputat gab provi dwar x'ghadda bejnietom matul is-snin li ghaddew, fosthom attentat ta' qtil ta' wiehed minnhom, bil-vittma tal-isparaturi tipponta subajha lejn huha bhala dak li baghat lil Leli Zammit bl-inkarigu li joqtlu. Jissottometti li l-qaghda bejn l-ahwa Fenech kienet gravi.

L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar il-provi li prezenta fosthom sentenza tal-Qorti Kriminali kontra Leli Zammit akkuzat u li nstab hati li prova joqtol lil Michael Angelo Fenech. Prezenta ukoll estratt minn The Times intitolat '*Two brothers in courtroom confrontation*', dwar l-arma tan-nhar li allegatament insterqet mill-istrong

room tal-Qorti. Skont l-appellant, il-konkluzjoni tal-Ewwel Qoti li dawn il-fatti u cirkostanzi ma setghux jiggustifikaw lill-appellant li ma jghidx li kien jaf lill-ahwa Fenech hija zbaljata ghaliex skont l-appellant 'persuna normali' tibza meta tissejjah biex tixhed ghax tkun rat xi incident vjolenti, ahseb u ara mela kien wiehed jitkexkex meta jsib ruhu jigi mkaxkar fil-grajjiet vjolenti ta' bejn l-ahwa Fenech.

Jissottometti li l-appellant ha inizjattiva li jaghmel appuntament mal-Agent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zmammit, fil-prezenza tal-Avukat Tonio Azzopardi fejn semmielu l-kaz ta' Barbarossa, jigifieri li wiehed mill-ahwa Fenech kien offrielu somma flus biex joqtol lil huh, izda hu kien irrifjuta u keccieh. Jghid li l-biza hija mnissla mill-fatt li xi zmien wara huwa sar jaf li kien hemm attentat ta' qtil fuq il-persuna li kien gie mitlub biex joqtol jigifieri l-istess wiehed kien ikkommisjona lil haddiehor minfloku. Jissottometti li sija l-fatt li l-imputat kellem lil Agent Kummissarju fuq dan il-kaz u sija l-fatt li min kien avvicinah kien ikkommissjona lil haddiehor minfloku wara li hu rrifjuta, huma zewg provi importanti li l-Ewwel Qorti ma tathomx il-piz misthoq.

L-appellant jaghmel referenza ghall-erba' elementi li huma essenzjali ghall-ezistenza ta' dan r-reat ta' judicial perjury u jissottometti li r-raba' element u cioe '*wilfulness of such falsity or criminal intent*' kienet nieqsa. Jghid li kien hemm biza mill-konsegwenzi jekk jigi involut kontra l-volonta' tieghu fl-intricji ta' bejn l-ahwa Fenech li bil-provi humw persuni li bejniethom waslu f'affarijiet koroh. Ghalhekk id-difiza issottomettiet li l-appellant kien gustifikat li jzomm 'il boghod milli jidhol bejniethom.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Kull min jagħti xiehda falza f'materja ċivili, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs Rose Borg Pierre Zammit'</u>**[6] gie kkunsidrat:

*'Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' spergur (judicial perjury) kontemplat f'l-artikolu 106 ghamlet ezami approfondit il-Qorti ta'l- Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Ruth Mary Baldacchino*[7]

*Illi l-azzjoni penali ghar-reat ta'l-ispergur a tenur ta'l-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali u cioe' r-reat hekk ismejjah judicial jew legal perjury, jipotizza t-tehid ta' gurament falz fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti. Illi l-artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li jipotizza tlett istanzi ta' spergur fi proceduri civili u cioe' l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidavit falz.*

*Dana ir-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emendi zghar ghar-rigward tal-piena u recentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta in konnessjoni max- xhieda permezz tal-procedura ta'l-affidavit li issa saret parti mil- ligi procedurali taghna. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-ratio ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega: "Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero."....*

*Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta it-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana ir-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' iwassal biss ghal miscarriage of justice, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz.*

---

[6] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Ottubru, 2016 (Kumpilazzjoni Numru: 671/2014)

[7] Deciza 26.05.2016. (Din ir-referenza tinsab fis-sitt (6) nota ta'qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

*Illi madanakollu il-falsita oggett tar-reat, trid tkun tirreferi ghal fatt materjali u determinati ghal ezitu tal-kawza. Il-Mamo ighid: "In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. ... the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist." Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : "Perche' sussista la falsa testimonianza ... e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa."*

*Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha mens rea tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l- Mamo: "The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. ... Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted." Illi allura dak li ghandu ikun determinanti f'gudizzju dwar ir-reat ta'l-ispergur huwa b'mod ewlieni jekk dak mistqarr mix-xhud huwiex fatt determinanti u materjali ghall-ezitu tal-kawza u jekk tirrizultax l-intenzjoni kriminuza.*

*Illi ghalhekk in succint, u kif elenkati mill-Mamo, l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat kontemplat f'l-artikolu 106 huma s-segwenti:*

- *a testimony given in a cause;*
- *on oath lawfully administered by the competent authority;*
- *falsity of such testimony in a material particular;*
- *willfulness of such falsity or criminal intent.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>'IL-PULIZIJA (Spettur Josric Mifsud) VS JOSEPH CAUCHI ta' 51 sena, bin Joseph u Maria Assunta nee' Portelli, imwieled l-Gharb nhar it-13</u>**

**ta' Mejju 1961, residenti fil-fond numru Tas-Sansun, Triq Kan F. Mangion, Gharb detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 23961(G)**[8]' gie kkunsidrat ukoll li:

'*ighid l-Antolisei: "L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bizogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena. . Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza."*[9]

*Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana r-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' jwassal biss ghal miscarriage of justice, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghall-gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li jsawwru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin- notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-esistenza ta' dana r-reat tal-judicial perjury cioe':*

*"(i) a testimony given in a cause. (ii) on oath lawfully administered by the competent authority. (iii) Falsity of such testimony in a material particular. (iv) willfulness of such falsity or criminal intent."*

*Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xhieda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Frar, 2013 (Numru: 97/2009)

[9] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia. (Din ir-referenza tinsab fit-seba' (7) nota ta'qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

*fatti esposti. Il-Mamo jghid:*

*"It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision.*

*It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioe' x-xhieda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti ghaldaqstant. Kif ighidu l-awturi fosthom il-Manzini dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioe' " l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza."*[10]

*Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu jwasslu ghall-kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xhieda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.*

*Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita trid tkun tirreferi ghal **fatt materjali u determinati ghal ezitu tal-kawza**. Il-Mamo jghid: "In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist." Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : "Perche' sussista la falsa testimonianza e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute **siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa.**" (sottolinjar tal- Qorti).*

*L-istess ighid l-Antolisei:*

*"Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato comesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito*

---

[10] Capitolo XIX Delitti Contro l'amministrazione della giustizia. (Din ir-referenza tinsab fit-tmien (8) nota ta'qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

*implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono* ***non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria****."* (sottolinjar tal-Qorti).[11]

*Ghalhekk kwalunkwe xhieda li ma ghandha l-ebda relevanza ghall-ezitu tal-kawza ghalkemm tista' tkun inveritjiera ma tista' qatt twassal ghar-reat tal-ispergur. Ikompli l-Mamo: "All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court."*

*Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'ekk imsejha mens rea tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo: "The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted."*

*L-istess ighid l-Antolisei: "Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica."*

*Il-Maino wkoll isostni: "L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e* ***la coscienza di mentire o di nascondere la verita****. ... Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle*

[11] Ibid. (Din ir-referenza tinsab fid-disa' (9) nota ta'qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

*circostanze."*[12]

*L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussiti dana r-reat bil-fors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioe' jrid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l- ebda xhieda inveritjiera ma tista twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.'*

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tqis dan it-tieni aggravju u tevalwa jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta li sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni. Dwar l-elementi tar-reat taht l-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta elenkati mill-Professur Mamo, ma hemmx dubju li hawn si tratta ta' xhieda moghtija f'kawza quddiem Imhallef u ghalhekk certament li nghata l-gurament minn Awtorita' kompetenti u cioe' il-Qorti. Dwar it-tielet element u cioe' li x-xhieda falza trid tkun fuq oggett materjali ghal kawza, din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-parte civile Michael Angelo Fenech moghtija fil-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) meta mistoqsi '*meta intom tlabtu din l-investigazzjoni ghaliex x'danni rrekatilkom lilkom il-mod ta' kifd ahet din il-verzjoni u x-xhiedha?*' wiegeb '*L-ewwel nett hemm danni kbar fil-kawzi li qed nitolbu ahna ghax dawk il-kawzi huma bil-miljuni, miljuni. Barra minn hekk hemm anki l-pirbita taghna meta ahna qed nghidu li nafuh u dawn l-affarijiet kollha mbghad jigi hu jiehu gurament u jghid li ma jafniex. Jigifieri ahna mhux biex naghmlu vendikazzjoni imma biex nikklerjaw isimna.*' Xehed ukoll li '*Id-danni li meta hu qed jghid li ma jafniex qieghed jipprova jgib dak li ntqal fuq it-tapes li mhux minnu, allura bis-sahha t'hekk nistghu nitilfu kawza.*' Alfred Fenech li xehed ukoll fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) spjega li '*Kellan kaz ta' l-Enemalta kienu waqfuna fuq ix-xoghol u hekk u kien hemm hafna kienu t-tejpjati bit-tapes x'kienu qeghdin jghidulna fuq hekk l-istorbja.*' Meta mistoqsi '*x'danni ghamlitilkom dik ix-xiedha li ta' dakinhar Generoso Sammut meta qal li ma jafkomx, s'hemmhekk tista tghidilna?*' wiegeb '*Iva nigu illi ahna qeghdin nixdhu*

[12] Commento al Codice Penale – Dei delitti contro l'amministrazione della giustizia. (Din ir-referenza tinsab fl-ghaxar (10) nota ta'qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

*hazin.*' Michael Fenech li xehed fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) li jigi t-tifel ta' Alfred u li z-ziju huwa Michaelangelo Fenech. spjega li '*Jien kont qieghed kif qieghed issa imma minflok nixhed bil-wieqfa prezenti fl-Awla. Dak il-hin l-akkuzat li jien naghraf fl-Awla cahad li lilna ma jafniex.*' Xehed '*Ma jafniex outright ma jafniex.*' Jirrizulta li l-appellant ftit li xejn lehaq xehed quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u dan stante li huwa baqa jichad li jaf lil Michael Fenech u lil Alfred Fenech. Xehed ukoll li kien mar il-Qorti u xehed u semmewlu tapes u li ma gharafx lehnu. Ghalhekk jirrizulta li l-appellant ma lehaqx xehed fuq il-mertu stante li naturalment la darba huwa kien qieghed jichad li jaf lil Michael u Alfred Fenech, l-ebda mistoqsija dwar il-mertu ma kienet ser taghmel sens. Ghalhekk lanqas ma jista jinghad li l-fatt jekk l-appellant kienx jaf lil Fenech jew le ma kienx relevanti ghal kawza u dan stante li bil-fatt li l-appellant iddikjara li ma jafx lil Alfred u Michael Fenech iprojbixxa lil partijiet milli jaghmlulu mistoqsijiet ulterjuri. In oltre', konsegwenza tal-fatt li l-appellant xehed li ma jafx lill ahwa Fenech, dan setgha jwassal li Fenech ma jitqiesux kredibbli. Il-fatt li l-appellant intalab sabiex jitla jixhed ifisser li x-xhieda tieghu kienet relevanti u mehtiega ghal kawza. Jirrizulta ukoll skont ix-xhieda ta' Michelangelo Fenech li l-kawza si tratta ta' miljuni ta' flus. L-appellant minkejja li kien jafhom sew u minkejja li huwa kien intalab biex jixhed, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili baqa jtenni li ma jafhomx u xehed anke li hu ma jinsiex. Ma hemm l-ebda dubju li din tammonta ghal gurament falz u dan in vista tal-fatt li l-appellant stess fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti xehed li filfatt kien jafhom lil ahwa Fenech izda spjega li huwa xehed bil-mod li xehed peress li kien mahkum b'biza. Filfatt l-appellant Generoso Sammut li xehed fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) meta mistoqsi:

'*Difiza; Issa halli mmorru meta inti ittellajt bhala xhud ta' kawzi ta' bejniethom quddiem l-Imhallef Ellul minghalija kien hux hekk?*

*Xhud; Ehe*

*Difiza; Dak inhar kif gibt ruhek inti? Spjega lil Qorti inti kif gibt ruhek quddiem l-Imhallef*

*Xhud; Jien ma ridx ikolli x'nnaqsam kemm ma' wiehed u kemm mal-iehor ghax mhux l-interess tieghu*

*Difiza; Imma semplicement ghax ma ridtx tkun skomdu?*

*Xhud; ghax jien kelli biza' kbira dan li nispicca bit-tir bhalma spicca huh ghal dik ir-raguni, dik il-biza' li kelli jien.'*

In kontro-ezami meta mistoqsi:

*'Dott Magri; Jigifieri din kienet gidba li ma kontx tafhom, kont tafhom, kont ilek tafhom ghedt hamsin sena*

*Xhud; Iva*

*Dott Magri; Ara tiftakarx ukoll li dan inti saqsik l-avukat tieghek kif gibt ruhek quddiem l-Imhallef Toni Ellul. Ara jekk tiftakarx li l-Imhallef Toni Ellul gibidlek l-attenzjoni, darba, darbtejn, tlieta tal-konsegwenzi serri li jista' jkun hmm jekk inti tibqa' tixhed b'certu moghod.'*

*Xhud; Imma jien x'interess kelli jien*

*Il-Qorti; Id-domanda kienet jekk gibidlekx l-attenzjoni*

*Xhud; Gibidli l-attenzjoni Sur Magistrat imma jien ma kellix interess li nixhed la wiehed u anqas l-iehor*

*Il-Qorti; Id-domanda kienet jekk gibidlek l-attenzjoni*

*Dott. Magri; Dak inhar inti diga kellek dik il-biza' li ghedt li kelek?*

*Xhud; Uzgur kien hemm il-biza*

*Dott. Magri; U diga kellek il-biza dak inhar*

*Xhud; Uzgur*

*Dott. Magri; Inti lill Imhallef ma infurmajtux li qed ikollok din il-biza?*

*Xhud; Jien ma kontx naf li hemm xi differenza bejn din li rrid nghidilu jien, la jien ma ridtx nixhed*

*Dott. Magri; Uzgur li le.*

*Dott. Magri; Hadt xi avukat mieghek dak inhar f' dik is-seduta?*

*Xhud; le ma kellix avukat*

*Dott. Magri; U ghandi nifhem lanqas tlabt xi forma ta' protezzjoni inti*

*Xhud; le uzgur li le*

*Dott. Magri; La minghand il-Qorti u lanqas minghand il-Pulizija dak iz-zmien?*

*Xhud; le'*

Ghalkemm jirrizulta li l-appellant kien irrifjuta milli jiffirma d-dikjarazzjoni fejn kien rrifjuta li jikkonsulta Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija datata l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u ma kienx iffirma l-istqarrija, jirrizulta li meta in kontro-ezami gie mistoqsi '*Ara jekk taqbilx mieghi, l-ahhar domanda Sur Magistrat, li inti anke meta ghamillek l-interroazzjoni l-Ispettur Rennie Vella, ma semmejtlu xejn min dan imma ghedtlu li jien f' dawk il-proceduri u ghedtlu dawn il-kliem, la rrid nohrog infuh u lanqs ninten f' dik il-kawza*'. Wiegeb '*Hekk ghedtlu iva*'.

Ghalhekk dwar l-ahhar element tar-reat u cioe' l-intenzjoni kriminuza sabiex persuna tixhed falz, jirrizulta kjarament li hawn *non si tratta* ta' xi inezatezza jew forsi xi dettal li persuna ma ftakritx waqt li tat ix-xhieda taghha, hawn hekk huwa ampjament car li l-appellant cahad li jaf lil Michael Fenech u Alfred Fenech meta huwa kien ilu jafhom ghal snin kbar. L-appellant kien jaf li qieghed jaghti xhieda falza, ghalhekk intenzjonalment xehed falz u dan skont hu ghax kien imbezza u ma riedx jidhol f'nofshom. Din il-Qorti ghandha dubji kbar kemm verament l-appellant dak iz-zmien li xehed kien imbezza u dan stante li jirrizulta li ghaddew snin kbar minn meta allegatament wiehed mill-ahwa Fenech talab lill-appellant sabiex jotqol lil huh. Ghalhekk tista' din il-biza tkun ikkunsidrata bhala wahda reali? In oltre, jekk verament kien daqstant imbezza, ma hasibx li setghet tigih aghar jekk jigdeb u cioe' jghid li ma jafhomx? In oltre' ma kienx imbezza l-appellant meta fl-elfejn u erbgha (2004) ghamel affidavit li tinsab a fol 26 et sequitur fejn iddikjara li lil Kelly u Alfred Fenech jafhom ghal hamsa u tletin (35) sena?

Skont l-affidavit li l-appellant prezentat a fol 92 et sequitur u immarkata bhala Dok TA huwa spjega li f'Ottubru tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) Alfred Fenech kien offrilu ghoxrin elf Liri Maltin (LM20,000) biex joqtol lil hu Alfred Fenech. Iddikjara li fi Frar tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) sema li sehhet sparatur ghal hsara ta hu Alfred Fenech u cioe Michael Angelo Fenech maghruf bhala "il-Kelly' u li sussegwentement Alfred Fenech kien qal lill-appellant li "inti m'intix raġel." Ghalhekk jirrizulta li sussegwentment fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004) kien permezz ta' affidavit li tinsab a fol 26 et sequitur iddikjara li jaf lil Kelly u Alfred Fenech ghal hamsa u tletin (35) sena. Ghalhekk x'kien hemm li gieghlu jichad li jaf lil ahwa Fenech meta xehed f'kawza ohra madwar disgha (9) snin wara u cioe' fid-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013)? Jirrizulta li kien wara li tela' jixhed li kien sar appuntament mal-Agent Kummissarju Raymond Zammit fejn l-appellant jghid li kien qallu dwar dak li Fenech kien offrilu biex joqtol lil huh. F'din l-affidavit a fol 92 et sequitur u mmarkata bhala Dok TA l-appellant spjega ukol li '*Sitt xhur ilu, fil-qorti, niltaqa' mas-sur Michael Axisa, magħruf bħala "l-Lay Lay", u mort inkellmu u għedtlu, "Il-Barbarossa ridni nixhed f'kawża u jien ma ridtx nixhed." Is-sur Michael Axisa qalli, inti dik qed tara? Il-Kelly, ħu Alfred, sabni u qalli* <<*Mikiel, għoqod attent għax ħija jrid joqtlok fuq dik il-kawża tal-art*">> Meta Michael Axisa xehed fis-seduta tat-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fost afarijiet ohra meta mistoqsi Jekk Generoso Sammut qallux jekk giex imsejjah biex jixhed f'xi kawza wiegeb '*Nahseb li gieli semmili iva illi imma ma nafx ezatt imma jidhirli li gieli semmili xi haga illi ghandu xi Qorti maghhom imma ma nafx ilhi ma narah hafna issa*'. Dwar jekk jiftakarx dettalji tal-konversazzjoni u x'seta qallu fuq din il-kawza qal li '*Mill memorja ma niftakarx imma naf li qalli li ghandu l-Qorti maghhom.*' Dwar is-Sur Sammut qal li '*Deher inkwitat ghax kienu qed jtuh hard time qalli.*' Mistoqsi dwar periklu ta' theddid qal li '*Ma jidhirlix taf*'.

Meta l-Ex Deputat Kummissarju Raymond Zammit xehed fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) huwa xehed li l-appellant kien kelmu fuq xi ufficjali tal-habs, fuq droga u kien ghaddielu xi informazzjoni. Mistoqsi:

'*Difiza: Are semmielekx ukoll illi ftit taz-zmien wara, l-ewwel nett ara qallekx illi l-offerta li saret lilu b'dawk l-ghoxrin elf (20,000) lira biex joqtol lil xi hadd hu ma accettahiex imma ftit wara dak l-individwu li kellu jkun fil-mira fil-ffatt sparaw fuqu?*

*Qorti: Issa inti qed tghid l-offerta saret direttament lilu hax qabbel qatt ma ghedniha din.*

*Difiza: Lilu, lilu, lilu lil Generoso.*

*Qorti: Mela qed tghid li Barbarossa offra ghoxrin elf (20,000) lil Generoso Sammut biex jelimina il xi hadd li ftit wara fil-fatti sparawlu.*

*Difiza: Sparaw fuqu.*

*Qorti: Sparaw fuqu, mhux mejjet din il-persuna, sparaw fuq.*

*Xhud: Zgur li le, ghalmenu zgur ma niftakariex qieghed bil-gurament, zgur ma niftakarx li kienet hekk.*'

Meta mistoqsi mill-Qorti '*Din id-domanda sur Zammit jekk Generoso Sammut qallekx illi dan Barbarossa lilu offrielu somma flus biex jelimina persuna ohra?*' wiegeb '*No, zgur ma semmiex lilu, semma somma flus pero' la semma lilu.*'

Meta l-ex Agent Kummissarju Raymond Zammit rega xehed fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) huwa kien anke pprezenta notament li ha waqt dik il-laqgha ta' Awissu jew Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn tnizzel 'Leli Zammit/killer/Barbarossa vs huh' u 'Lm10,000'.

Din il-Qorti ghalhekk ma taqbilx mal-appelant li r-raba' element u cioe' l-intenzjoni kriminuza kienet nieqsa meta l-appellant cahad li jaf lil Alfred u Michael Fenech, meta fil-verita' kien ilu jafhom snin twal. Dan it-tieni aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ikkunsidrat;

L-appellant fit-tielet aggravju jissottometti li l-Ewwel Qorti ma afferratx sewwa l-kuncett ta' forza irrezistibbli. Jissottometti li c-cirkostanzi kienu sejri u gravi u fuq kollox kienu jiggustifikaw il-biza li persuna taghti xhieda taghha meta l-protogonisti

spicca involuti f'Guri fejn wiehed minnhom kien vittma ta' attentat ta'qtil. Saret referenza ghal dak li gie sottomess fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-imputat dwar 'forza irrezistibbli'. Jissottometti li kien hemm il-biza u kien hemm cirkostanzi li jnisslu biza in vista tall-attentat ta' qtil li twettaq u mhux kliem fieragh. Skont l-appellant l-element soggettiv ma nghatax importanza meta kellu jkun determinanti.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) Vs MARZOUKI HACHEMI BEYA BENT ADBELLATIF'</u>**[13] fejn gie kkunsidrat li:

*'Fl-ahhar aggravju taghha hi tghid li kienet waslet li tikkommetti spergur fit-18 ta'Frar, 1997, u kienet anke precedentement hadet gurament falz quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-4 ta'Novembru, 1996, minhabba li giet mgieghla taghmel hekk minn forza barranija gejja fuqha minn haddiehor u li ma setghetx tirrezisti.*

*Hawnhekk, ghalhekk, l-appellanti qed tqajjem id-difiza tal-"**coercion**", kif hemm dispost fl-Artikolu 33 (b) tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu jghid hekk testwalment: " Kull persuna tkun ezenti minn responsabilita' kriminali jekk fil- waqt ta' l-att jew tan-nuqqas-------- (b) kienet imgieghla b'forza barranija li ma setghetx tirrezisti ghaliha."*

*Mela l-eccezzjoni ta' l-appellanti hawnhekk hi li fiz-zewg okkazzjonijiet imsemmija kien hemm in-nuqqas tal-volonta' taghha meta xehdet kif xehdet u dan minhabba din l-hekk imsejjha forza barranija li kienet irrezistibbli. Din tal- '**coercion**', jew, kif imsejjha bil-Malti, tal-'**koazzjoni**', tfisser, fi kliem semplici, li xi hadd ikun sfurzat, jigi mgieghel, li jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu, li jaghmel xi haga li normalment jew altrimenti ma kienx jaghmel. Trid tkun forza barranija gejja minn haddiehor, kompletament indipendenti minn min jaghmel l-att materjali. Trid tkun forza li certament u necessarjament trid tkun prezenti fil-waqt li l-bniedem li fuqu tkun qed issir din il-forza barranija qieghed effettivament jaghmel l-att materjali, id-delitt fl-element materjali tieghu, u mhux gejja minn xi zmien minn qabel biss.*

*Issa fil-kaz in ezami, ma hemm ebda kontestazzjoni li l-appellanti kkommettiet l-atti materjali*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2001 (Appell numru: 128/2001)

*li taw lok ghar-reati taht l-Artikoli 104 (1) u 108 (1) tal-Kap. 9, dawk ta'spergur u gurament falz fiz-zewg dati msemmija qabel. Li qed tikkontesta l-appellanti hu li fiz-zewg okkazzjonijiet kien nieqes fiha l-element formali jew intenzjonali, u allura, ma tistghax tinstab hatja ta'dawn ir-reati. Dan hu hekk l-ghaliex in bazi ta' dak li jghid l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9, ic-cirkostanza tal-forza barranija telimina ghall-kollox din l-intenzjoni.*

*Ghal dawk li huma r-rekwiziti necessarji sabiex tirnexxi din il-linja difensjonali, il-Qorti, kif presjeduta, gja' kellha okkazzjoni ricentement fejn dahlet profondament f'din il-materja w fejn spjegat dettaljatament x'irid ikun hemm sabiex tirnexxi tali difiza. Dan kien fl-Appell Kriminali 13/2001 deciz minnha fit- 13 ta'Settembru, 2001, fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Richard Gauci. Ghalhekk il- Qorti taghmel riferenza ghal dak li qalghet hemmhekk u tadottah hawnhekk ukoll u dan a skans ta'ripetizzjoni. Bizzejjed jinghad hawnhekk li dawn ir-rekwiziti huma erba. Fl-**ewwel lok**, trid tkun **forza barranija gejja minn haddiehor** li twassal lil xi hadd jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu, haga li fin-normalita' tal-hajja ma kienx altrimenti jaghmel. Fit-**tieni lok**, **trid tkun forza barranija li ssir fuq xi hadd mhux biss qabel ma dan effettivament jaghmel dak li jigi kostrett li jaghmel, izda trid tkun prezenti fuqu anke fil- mument li jaghmel l-att materjali kontra l-volonta' tieghu**. L-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9 fil-fatt isemmi jew juza l-kelma 'fil-waqt ta' l-att'. Jekk ma hemmx din il-forza barranija fil-mument li qed isir l-att materjali, allura ma tkunx eskluza l- intenzjoni kriminuza. Fit-**tielet lok**, din il-forza barranija gejja minn xi haddiehor trid tkun wahda **irrezistibbli**. Dan ifisser mhux biss li dak li jkun ma jfittex jew ma jipprovax li jirrezistiha, mhux biss li dak li jkun ma jaghmilx l- icken sforz biex jehles minn din il-forza barranija, izda trid necessarjament tkun forza barranija li bniedem bla ebda mod ma jista' jieqfilha, jirrezistiha, jehles minnha. Fi ftit kliem, **trid tkun forza barranija li bniedem verament ma jistghax jirrezisti, u mhux forza li semplicement ma jipprovax jirrezisti.** Fir-**raba lok**, din ic-cirkostanza tal-**forza barranija trid necessarjament tkun wahda serja jew gravi hafna, fis-sens li tista' twassal ghall-konsegwenzi serji jew gravi hafna**, bhal meta bniedem jigi mhedded bil-mewt, b'pistola ma'rasu, eccetera. Tista' tiehu l-forma ta'minaccja jew theddid ta'mewt ta' xi hadd tal-familja tal-minaccjat. Trid tkun forza barranija ta'certa' gravita' li turi, imqarr fuq grad tal-probabbli, li l- bniedem minaccjat **ma jkollux triq ohra** hlief li jesegwixxi dak li jkun qed jigi mgieghel li jaghmel kontra l-volonta' tieghu. Jekk, allura, hemm triq alternattiva li biha l-minaccjat seta' possibilment*

*jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid-dannu konsegwenzjali ta' dik il-minaccja, u hu jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn dik it-triq, allura l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9 ma japplikax.*

*Minn dan li ntqal, jidher li din il-linja difensjonali tal-koazzjoni hi kollha kemm hi kwistjoni ta' cirkostanzi, ta'fatti li jemergu mill-provi. Dawn il-fatti jridu jkunu tali li jikkonvincu lil min ghandu jiggudika, imqarr sal-grad tal-probabbli, li tassew il-bniedem li ghamel l-att kriminanti ma setghax, fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom, jehles minn dik il-forza barranija bla ebda mod iehor hlief milli jaghmel dak li kien imgieghel li jaghmel, cioe', li ma kellux alternattiva ohra kif seta' jehles minn dik il-forza barranija.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Dr Mark Anthony Sammut'</u>**[14] gie kkunsidrat li:

**'9.** *Fis-sentenza ta' din il-Qorti, kolleggjalment komposta, tal-14 ta' Dicembru 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter** – fejn ukoll il-kwistjoni tal-konnessjoni specifika u diretta bejn il-forza barranija u l-att illegali kommess mill-agent passiv ma kienitx in issue – gew imfissra, fuq l-iskorta ta' sentenza precedenti*[3]*, l-erba' rekwiziti (din il-Qorti tippreferi ssejhilhom, l-erba' rekwiziti minimi) li jridu jikkonkorru biex ikun hemm l-iskriminanti tal-koazzjoni. Il-Qorti, fost affarijiet ohra, qalet hekk:*

*"Fit-tieni lok, trid tkun forza barranija li tigi ezercitata fuq bniedem mhux biss qabel ma hu jaghmel dak li jigi*

*mgieghel li jaghmel kontra l-volonta` tieghu, izda trid tkun tibqa' tissussisti fil-waqt li hu qieghed effettivament iwettaq dak l-ghemil. Ghalhekk, jekk fil-mument li jsir l-att materjali, ma hemmx din il-forza barranija, mhux eskluz l- element formali a bazi ta' l-Artikolu 33(b)."*

**10.** *Anke a bazi ta' dan ir-rekwizit, din il-Qorti ma tistax tifhem kif jista' jinghad li, fil-kaz in dizamina, hemm l- iskriminanti tal-koazzjoni. Kif inghad l-appellat ghamel xi sena w nofs igorr l-arma mieghu kullimkien fil-briefcase. Kull darba li kien johrog din l-arma mir-residenza jew mill- ufficcju tieghu u jmur biha minn post ghal iehor, kien hemm l-element materjali kontemplat fis-subartikolu (1A) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 66. B'ebda tigbid ta' l-*

---

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Awwissu, 2010 (Appell Kriminali Numru: 365/2008)

*immaginazzjoni jew tar-raguni ma jista' jinghad li f'kull wahda minn dawn l-okkazjonijiet kien hemm forza barranija li nnewtralizzat kompletament il-volonta` tal- appellat.*

**11.** *U anke jekk wiehed jiehu s-silta mill-appunti tal- Professur Sir Anthony Mamo, li rriferiet ghaliha (wiehed ghandu jifhem b'approvazzjoni) l-ewwel qorti, il- konkluzjoni ineluttabbli hi li f'dan il-kaz ma jistax ikun hemm l-iskriminanti tal-koazzjoni. L-insinji professur, jghid hekk:*

*"Thus, Pessina, for instance suggests that moral coercion excludes criminal responsibility whenever these three conditions exist: a) an imminent danger, b) of a harm which the victim of the threat apprehends as more grievous than the harm to be caused by the offence, and c) which he could not avert except by committing the act contrary to law."*

**12.** *Din il-Qorti tistaqsi: fejn kien il-perikolu imminenti f'dan il-kaz? Kien hemm, iva, theddid, anke theddid serju, ta' xi haga fil-futur, izda wiehed ma jistax jitkellem dwar perikolu imminenti.*

**13.** *Thares minn fejn thares, din il-Qorti ma tistax hlief taqbel ma' l-appellant Avukat Generali li f'dan il-kaz ma kienx hemm l-estremi tal-iskriminanti tal-koazzjoni.*'

Kif ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti: '*Illi minkejja li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (a fol. 190 et seq.) id-difiza telenka r-ragunijiet ghal biza' li hakmet lill-imputat, ma jirrizultax dak li nghad fis-sentenza kwotata hawn fuq* ***Il-Pulizija vs. Marzouki Hachemi Beya Bent Adbellatif*** *u cioé ma jirrizultax sal-grad tal-probabbli, per ezempju, li dak li jaghmel riferenza ghalih l-imputat fid-depozizzjoni tieghu kienet xi forza li ghalkemm barranija, u forsi serja jew gravi wkoll, kienet xi forza irrezistibbli. B'hekk il-linja difensjonali kif mitluba fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (a fol. 190 et seq.) mhux ser tigi accettata u lanqas m'hu ser jigi applikat Artikolu 33(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif mitlub mill-istess difiza.*'

Illi certament li ma jistax jinghad li l-appellant kien mahkum b'xi forza barranija u cioe' li ma kellux triq ohra hlief li jixhed falz. Fis-sens anke li dato ma non concesso ellha titwemmen il-verzjoni tal-appellant li huwa kien imbezza bil-konsegwenzi li setghu jigrulu jekk jixhed, jibqa' l-fatt li l-forza barranija ma kinitx diretta sabiex

huwa jikkommetti r-reat u cioe' sabiex jixhed falz. Fis-sens li hadt ma gieghlu jixhed falz, kien l-appellant stess li ddecieda li jaghmel dan. Trid tkun forza barranija irrezistibbli fis-sens li ma setgha bl-ebda mod jirrezistiha sabiex din id-difiza tkun tista' tigi accettata. Meta l-appellant in kontro-ezami gie mistoqsi '*U ma hassejtx il-bzonn allura li tghidlu li inti ghandek din il-biza*' *kollha u titlob li tkun assistit u jkollok il-protezzjoni tall-pulizija qed tghidilna li kellek din il-biza kolla min dawn is-sinjuri?*' wiegeb '*Ghaliex ma hassejtnix imma mbaghad meta jien qbadt naghmel il-homework, jien nigri taf jien m'ghandix ghalfejn nigdeb*'.

Din il-Qorti meta tevalwa l-livell soggettiv tal-biza li l-appellant jghid li kellu tqis li l-appellant kellu diversi toroq u dan fosthom li jitlob il-protezzjoni tal-Pulizija, jinforma lil Qorti li huwa kien qieghed jibza jixhed u dan qabel ma jiddeciedi li jixhed falz. Ghalkemm a fol 163 u mmarkat bhala Dok GA2 gie ipprezentat rikors urgenti tal-appellant fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja '*fl-atti tal-inkjesta dwar sparatura fuq Michael Angelo Fenech maghruf bhala "l-Kelly" xi snin ilu*', ma jirrizultax meta din giet ipprezentata fl-atti tal-Inkjesta izda fl-istess rikors hemm referenza ghal seduta tal-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) u ghalhekk dan ir-rikors ma giex ipprezentat qabel ma l-appellant xehed il-falz izda fil-mori ta' din il-kawza. F'dak ir-rikors kien talab lill-Avukat Generali jirrinvija l-inkjesta dwar l-isparatura fuq Michael Angelo Fenech maghruf bhala l-Kelly u talab lil Kummissarju tal-Pulizija jaghtih protezzjoni billi hajtu tinsab f'periklu wara li huwa tkellem mal-awtoritajiet "*(L-Agent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit u l-Magistrat, illum Onorevoli Mhallef, Miriam Hayman) fuq dak li sehh.*' Ghalhekk kien wara li l-appellant xehed falz li dehrlu li kellu bzonn il-protezzjoni peress li hajtu tinsab f'periklu.

Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li l-Ewwel Qorti kienet korretta li ma laqghetx id-difiza tal-koerzjoni u sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tar-raba' aggravju, l-appellant qieghed jissottometti li huwa fil-kaz ta' sentenza wahda biss li d-difiza ezentat lil prosekuzzjoni mill-htiega tal-konferma u

prova tar-recidiva. Skont l-appellant, ghar-rigward tas-sentenzi l-ohra, ma saritx il-prova rikjesta. Li ghalhekk skont l-appellant ma tirrizultax ir-recidiva hlief fir-rigward ta' sentenza wahda.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kkunsidrat li:

'*Illi l-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu vera kopji tas- segwenti erba' sentenzi:*

*(a) Sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera fit-3 ta' Marzu 2010 (Dok. "RS" a fol. 36 et seq.);*
*(b) Sentenza moghtija mill-Imhallef David Scicluna fit-22 ta' Gunju 2011 (Dok. "RS 3" - a fol. 46 et seq.);*

*(c) Sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Edwina Grima fid-19 ta' Settembru 2012 (Dok. "RS 2" – a fol. 41 et seq.); u*

*(d) Sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli fit-23 ta' Mejju 2013 (Dok. "RS 1" – a fol. 39 et seq.).*

*Illi filwaqt li l-konnotati tal-persuna kontra min inghataw is- sentenzi hawn fuq imsemmija f'paragrafi (a), (c) u (d) huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna, fir-rigward tas-sentenza msemmija f'paragrafu (b), il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-15 ta' April 2015 (a fol. 64) id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' xhud dwarha.*'

Kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti filwaqt li f'dak li jirrigwarda s-sentenzi immarkati bhala Dok RS, RS1 u RS2 il-konnotati u cioe' id-data tat-twelid u l-karta tal-identita' huma identici ma' dawk tal-appellant u ghalhekk ma hemmx dubju li l-imputat f'dawk il-kawzi huwa l-appellant, f'dak li jirrigwarda s-sentenza immarkata bhala Dok RS3 a fol 46 et sequitur ma hemmx imnizzla l-konnotati tal-imputat.

Din il-Qorti tinnota li ghalkemm fil-verbal tas-seduta tal-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) tnizzel li '*Dr Tonio Azzopardi ghall-imputat jezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella*' *xhud dwar is-sentenza esebita.*' ma jirrizultax li tnizzel ghal liema sentenza kien qieghed jezenta li jittella xhud. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tqis lill-appellant bhala recediv tas-sentenza immarkata bhala Dok RS3 a fol 46

et sequitur izda sejra tikkonferma li l-appellant huwa recidiv tas-sentenzi immarkati bhala Dok RS u Dok RS2. Dwar Dok RS1, din il-Qorti tqis li la darba f'dik is-sentenza l-imputat gie liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u r-reat in mertu gie kommess waqt li l-perjodu kien ghadu ghaddej, huwa ma jistax jitqies bhala recediv ta' dik is-sentenza. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Stephen Zahra'**[15]:

*'Irid ghal darb'ohra jigi ribadit illi dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht il-Kap. 446 (u qabel il-Kap. 152)* ***"ghandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini tkun li tkun hlief"*** *fic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 25 tal-Kap. 446 (qabel l-artikolu 12 tal-Kap. 152) u liema cirkostanzi mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern. Ghalhekk persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu tal-conditional discharge jew il-perijodu ta' probation[16].'*

In oltre, din il-Qorti tikkjarifika li htija tar-recediva taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kellha tinstab ghas-sentenzi immarkati bhala Dok RS a fol 36 et sequitur stante li ma jirrizultax kjarament jekk il-hamsin ewro multa (€50) thallsitx, filwaqt li htija taht l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tinstab ghal dak li jirrigwarda s-sentenza immarkata bhala Dok RS2 a fol 41 et sequitur.

Ghalhekk kif ikkunsidrat minn din il-Qorti, l-akkuza tar-recidiva qieghda tigi kkonfermata ai fini taz-zewg sentenzi u cioe' dawk immarkati bhala Dok RS u Dok RS 2.

In oltre gustament l-Ewwel Qorti sabet htija ukoll tat-tieni imputazzjoni u cioe' li l-appellant kiser il-provedimenti tas-sentenza ta' liberta taht kundizzjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 2008 (Appell Kriminali Numru: 306/2006)

[16] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Johan Sultana**, 2 ta' Awissu 2006. (Din ir-referenza tinsab fit-tielet (3) nota ta'qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

tlettax (2013) meta wettaq reat fi zmien il-perjodu ta' sentejn mis-sentenza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant ma ghamilx talba sabiex ikun hemm varjazzjoni fil-piena imposta mill-Ewwel Qorti. Nonostante l-fatt li din il-Qorti mhijiex issib htija tar-recidiva ghas-sentenzi esebiti u immarkati bhala Dok RS1 a fol 39 et sequitur u Dok RS3 a fol 46 et sequitur, qieghda tikkonferma l-htija tal-imputazzjonijiet kollha inkluz tar-recidiva ghas-sentenzi esebiti u mmarkati bhala cioe' Dok RS u Dok RS2, ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tvarja l-piena imposta. Mill-fedina penali jirrizulta li l-appellant ghandu diversi kundanni u li minkejja li inghata diversi possibilitajiet sabiex jimxi fit-triq it-tajba, huwa ghazel li jikkommeta dan ir-reat li huwa abbuz serju tas-sistema gudizzjarja u cioe' li prova jqarraq lill-Awtorita' tal-Qorti milli xehed il-falz. Kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti l-imputat kien obbligat li jiddeponi s-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa minghajr limitazzjoni. Bil-fatt li cahad li jaf lil Michael u Alfred Fenech meta kien jafhom, huwa halef falz, liema spergur setgha kellu konsegwenzi gravi. Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonferma l-piena imposta mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza u dan billi tikkonfermaha fil-htija fejn filwaqt li tikkonferma li l-appellant huwa hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni. Rigwardanti t-tielet (3) imputazzjoni, tikkonferma li lill-appellant hati tar-recediva taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tas-sentenza datata t-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) immarkata bhala Dok RS u taht l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sentenza datata d-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u mmarkata bhala Dok RS2, izda tirrevoka fejn sabitu hati li huwa recediv tas-sentenza datata t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) immarkata bhala Dok RS3. L-appellant lanqas ma jistax jinsab hati li huwa recediv tas-sentenza datata t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) immarkata bhala Dok.RS1

Il-Qorti qieghda tikkonferma l-piena imposta mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti tikkonferma ukoll l-ordni ta' l-interdizzjoni generali tal-imputat Generoso sive Jimmy Sammut kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u milli jservi bhala perit ghall-perjodu ta’ ghaxar (10) snin, liema perjodu jibda' ghaddej mil-lum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur